**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 28 ta' Marzu 2023**

**Talba numru 83/2022 SFJ**

**Numru 6**

**SERGIO DEGABRIELE**

**vs**

**FRANKLYN BORG**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-18 ta' Marzu 2022 li permezz tagħha l-attur ippremetta u talab lil din l-Onorabbli Qorti li:

> *"Il-hlas ta' disa' mija w wiehed u hamsin ewro u sitta w ghoxrin centezmu (Eur951.26), li skont dikjarazzjoni mehmuza mal-istess avviz, dan kien bilanc ta' prezz ta' servizzi skont fattura numru 31/2021, li giet ukoll annessa, ghal servizzi professjonali li saru mill-attur gol-istabbiliment tal-konvenut, bl-indirizz The Grocer, Triq Salvatore Magri, Bubaqra, Zurrieq. Skont dokumenti annessi mal-istess talba, gie allegat illi din is-somma kienet baqghet ma thallsitx. Minkejja diversi reminders li ntbaghtu permezz ta' posta elettronika, u ghalhekk intalab il-hlas ta' dan l-ammont;*

*Gew annessi diversi dokumenti bhala prova tas-servizzi  professjonali li nghataw".*

**It-Tribunal ra illi l-konvenut gie notifikat permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni, izda ma pprezenta l-ebda risposta.**

**<u>Provi mressqa u Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***<u>Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et</u>*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***<u>Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi</u>*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***<u>Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa</u>*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Riċentament ukoll sentenza mogħtija mill-Onorevolli Imħallef Christian Falzon Scerri nhar it-18 ta' Novembru, 2022 (rikors 1090/2021) (ara ***<u>Salvatore Battiato u Emanuela Graziella Vanella vs. Alessandro Mercieca</u>*** ) fejn l-Imħallef iddikjara "Il-grad ta' prova li l-atturi kellhom jilħqu, huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet".

It-Tribunal osserva illi ġie ppreżentat Affidavit tal-attur kif ukoll numru ta' dokumenti oħra li jsostnu l-każ tiegħu, u dana a fol 53 sa fol 55.

It-Tribunal josserva li fil-proċess kien hemm ukoll dokumenti oħra a fol 19, 20, 21 u 22.

Wara li t-Tribunal ra d-dokumentazzjoni relattiva, prinċipalment anke l-Affidavit ta' Sergio Degabriele, ma jsibx diffikulta' li jikkonkludi li l-attur jimmerita li jieħu l-ammont riklamant skont l-avviż tat-talba.

**<u>Deċide</u>**

Fid-dawl ta' dan il-fatt, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tal-atturi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma ta' disa' mija u wieħed u ħamsin ewro, u sitta u għoxrin ċentezmu (Eur951.26), kif ukoll l-ispejjes kollha ta' din il-kawża.

---

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**